# QIMA KBIRA LEJN IL-MADONNA TAL-VITTORJA

minn Lorenzo Zahra

Nistgħu ngħidu bla dubju li l-qima lejn il-Madonna tal-Vitorja kibret ferm fostna wara ir-Rebħa tal-Assedju l-Kbir. Dan iżda ma jfissirx li ġa minn żmien qabel ma kienx hawn l-istess qima lejn il-Madonna. Biżżejjed ngħidu li fil-fehma ta' kittieba qodma tal-ġrajja, ix-xbihat tal-Madonna li jinsabu fil-Mellieħa, fil-Katidral u fil-Kastell tal-Birgu, kienu miżmuma bħala li kienu xogħol ta' San Luqa jiġifieri li jwasslu sal-miġja ta' San Pawl fostna.

Però bir-raġun li wara ir-rebħa kbira tal-Assedju infirxet wisq il-qima lejn il-Madonna tal-Vittorja. Fil-fatt lejn dawk iż-żminijiet minn iqalleb ftit il-Vista Pastorali ta' Dusina fl-1575 jiltaqa' ma' diversi kappelli tal-Vitorja. Oħrajn saru wara waqt li kien hemm oħrajn li kienu tal-Madonna taħt titoli oħra u wara il-ġrajja tal-Assedju ġew dedikata b'dan it-titolu tal-Vitorja. Hekk insibu fl-imgħoddi kappelli fil-Gudja, Ħal Farruġ, Ħal Għaxaq, in-Naxxar, il-Mosta, Ħal Qormi, Ħal Lija, fil-Qrendi, f'Birkirkara, f'Ħal Balzan, f'Bormla, fir-Rabat u wkoll fl-Imdina kif wkoll fl-Isla.

Fil-Port il-Kbir fejn kien imwaqqaf il-Kastell u l-Birgu, il-post tal-ġrajja tar-Rebħa tal-Assedju sa mill-qedem kien hemm il-qima lejn il-Madonna. Kienet taħt it-titolu tal-Kandlora, iżda wara ir-rebħa il-qima lejn il-Madonna kotrot l-aktar bħala lejn il-Madonna tal-Vitorja.

Jingħad illi fil-Kastell kien hemm xbiha l-aktar qadima tal-Madonna li biex aktar tkun komda għal qima tal-poplu żmien bosta ilu, ittieħdet fil-Parroċċa ta' San Lawrenz. Ġara iżda li meta ġiet l-Ordni f'Malta fis-sena 1530, il-kappillan ta' San Lawrenz kellu jħalli l-Knisja tiegħu lill-Kavallieri, għalhekk huwa mar fil-Knisja tal-Lunzjata fil-Birgu stess li ftit biss snin qabel kienu ġew fiha il-Patrijiet Dumnikani. Hemm ħa l-kwadru qadim u tant għażiż miegħu biex jibqa' għal qima tal-Insara parruċċani. Dan il-kwadru kien ta' stil biżantin, miksi bil-fidda u djamanti u fil-knisja tal-Lunzjata kienet issir il-festa mhux biss tal-Vitorja iżda wkoll tal-Kandlora il-għaliex fl-istess belt sa mill-qedem kien hemm l-ewwel fratellanza b'dan it-titolu.

Il-kwadru meta l-knisja tal-Lunzajta spiċċat minn użu ta' parroċċa billi l-Ordni taw lura l-Knisja ta' San Lawrenz lill-kappillan, baqa' miżmum fil-Knisja tal-Lunzjata, iżda ta' kull sena in-nies tal-Birgu baqgħu jfakkru Jum il-Vitorja b'ċelebrazzjoni b'dan il-kwadru. Għax l-ordni issa kienet marret fil-Belt Valletta fejn bdiet twettaq funzjonijiet għaliha fil-knisja ta' San Ġwann li bniet fl-1572. Fil-Birgu, l-kappillan ta' San Lawrenz lejliet il-Vitorja kien imur fil-Knisja tal-Lunzjata u flimkien mal-kleru u l-patrijiet Dumnikani kienu iniżżlu l-kwadru bi proċessjoni fil-Parroċċa ta' San Lawrenz Hemm kienu jsiru il-Vespri u nhar it-8 ta' Settembru issir proċessjoni li fiha jieħdu sehem il-fratellanzi kollha tal-Birgu, il-kleru u l-patrijiet kemm Dumnikani kif ukoll Kapuċċini. L-għada l-istess kwadru kien jiġi ritornat bl-istess akkumpanjament lejn il-Knisja tal-Lunzjata taħt il-kura tal-patrijiet Dumnikani. Dan il-kwadru sa qabel il-gwerra kien venerat bl-aktar qima u mqiegħed bħala sotto-kwadru taħt il-kwadru ta' San Duminku f'artal fil-kappella maġġura. Meta fil-Gwerra li għaddiet il-kunvent kien mimli bir-refuġjati li kienu qed jgħixu fil-kunvent għax kienu jemnmu li il-bini seta' kien xelter tajjeb,uħud riedu li l-kwadru jiġi mqiegħed fuq l-artal ħalli l-



*Parti mis-swar tal-Kottonera fejn il-Maltin iġġieldu fl-Assedju ta' l-1565 minn fejn it-titlu tat-Twelid tal-Madonna beda jissejjaħ il-Madonna tal-Vitorja.*

Madonna tħares lill-poplu tal-Birgu mit-tiġrif bil-bombi, u fl-24 ta' Ġunju 1940 il-kwadru tqiegħed fuq l-artal maġġur imdawwar bi fjuri u xama. Iżda fid-19 ta' Jannar 1941 il-knisja tal-Lunzjata sfat milquta bil-bombi u mġarrfa u l-kwadru tant għażiż u qadim għeb. Hawn ta' min iżda jinnota li ħadd minn tant nies li kienu jgħixu fil-kunvent ma ntilef.

Il-kwadru uħud kienu jaħsbuh li huwa bi xbiha tal-Madonna u Ġesù iżda fil-fatt kien juri l-Sant'Anna bit-tarbija ta' Marija qed treddaha. Dan il-kwadru li miegħu kienu wkoll marbuta tħollijiet ta' legati sa minn żmien qabel l-assedju reġgħet saret replika tiegħu mill-Kavallier Rafel Bonnici Calì li inzerta ftit snin qabel kien irrestawrah, għalhekk fil-knisja tal-Lunzjata tinsab din il-kopja u ta' kull sena, almenu sa din is-sena stess għadu jitniżżel fil-parroċċa iżda kif ġara minn ħafna tradizzjonijiet oħra, isir kollox b'mod sempliċi u bla ebda parti mill-fratellanzi u l-patrijiet. Naturalment il-kleru tal-Birgu barra li jiċċelebra b'din ix-xbiha għażiża l-Madonna tal-Vittorja, jiċċelbra wkoll fil-kappella tant antika tan-Natività li tinsab fil-Kastell Sant'Anġlu. Din il-kappella wkoll kienet iġġarfet parti minna fil-gwerra. Hija kappella mħaffra fil-blat u bħal dik tal-Mellieħa hija msejħa troglodita. Darba fis-seklu 12 kienet parroċċa għall-abitanit tal-kastell. Għadu jagħmel minna l-Arċipriet tal-Birgu u jieħu ħsiebha is-Superjur tal-Mużew tal-Birgu Ġorġ Agius. Il-kwadru titulari tagħha tant qadim kien qabel il-gwerra ittieħed fil-Mużew tal-Parroċċa tal-Birgu, iżda meta iġġarfet il-knisja u s-sagristija intilef ma' tant oġġetti oħra. Biż-żmien wara l-Assedju fil-qrib tal-Birgu twieldet l-ewwel parroċċa minn ħdan dik ta' San Lawrenz u din ġiet dedikata lill-Madonna tal-Vittorja ġewwa l-belt ta'l-Isla li fl-1585 saret parroċċa għaliha, hekk fl-inħawi tal-port il-festa tal-Madonna Bambina tal-Vitorja baqgħet ħajja sallum.

*Riferenzi*


Ferris Storia Ecc.
Vella Prof. And. Ir-Rużarju II
MSS 4. Librerija Pubblika.
Bosio – Hist. dell'Ord.
Balbi F. Assedio di Mata
Vista Pastorali Mons. Dusina